## Kif nista' nipprepara?

**Identifika** fil-kumpanija tiegħek min għandu jkun **risponsabbli** għall-konformità tar-REACH.

**Agħmel inventarju** tas-sustanzi kollha fil-preparati/fl-oġġetti li inti timporta/tqassam/tuża. Iċċekkja jekk is-sustanza jew l-użu tagħha fl-inventarju tiegħek hijiex eżentata minn kull aspett tar-REACH.

**Identifika** għal kull sustanza liema huma r-rwoli li int għandek taġixxi skond ir-REACH.

- **Manifattur/Importatur:** int tipproduċi jew timporta waħedha jew bħala preparat ≥ 1 tunnellat fis-sena.
- **Produttur/importatur jew fornitur ta' oġġetti:** int timmanifattura/timporta oġġetti jew tbigħhom fis-suq.
- **Distributur (iklużi min ibigħ):** int taħżen u tbigħ fis-suq sustanza, waħedha jew bħala parti ta' preparat.
- **Utent downstream:** int tagħmel użu minn sustanza, waħedha jew fi preparat, fl-iżvolġiment ta' attivitajiet industrijali jew professjonali (per eżempju: formulazzjoni, dilwizzjoni, ppakkjar, sprej, żebgħat).

**Tagħmel azzjonijiet preparatorji tal-bidu** (per eżempju tistabbilixxi djalogu permezz ta' katina ta' forniment, tiġbor informazzjoni dwar l-użu u l-kondizzjonijiet għall-użu) skond ir-rwol tiegħek. **Identifika** u ppjana għal risponsabbiltajiet fil-futur li għandu jkollok, u żżomm f'moħħok il-perijodi ta' żmien differenti li huma konnessi mat-tliet livelli ta' tunnellaġġ (≥1 tunellata, ≥ 100 tunellata, ≥1000 tunellata).




## Fejn nista' nikseb iktar informazzjoni?

L-aħjar mod huwa li tikkonsulta l-portal ta' l-Aġenzija Ewropea tas-Sustanzi Kimiċi:

**http://echa.europa.eu**

Il-portal jinkludi:

- **Għodda tan-navigazzjoni** li għandu jassistik sabiex tkun taf l-obbligi tiegħek fir-REACH u kif għandek tilħaqhom
- **"Dwar ir-REACH"** li jagħti ħarsa ġenerali lejn il-leġiżlazzjoni
- Dokumenti **Gwida**
- **Għodod ta' l-IT** tar-REACH
- **FAQ -** Mistoqsijiet komuni bl-Ingliż

L-**assoċjazzjoni ta' l-industrija** tiegħek hija sors tajjeb għall-informazzjoni fi kwistjonijiet li huma speċifiċi għas-settur tiegħek u l-**fornitur/i** tiegħek jista' jwieġeb mistoqsijiet dwar sustanzi kimiċi speċifiċi.

Ir-**REACH helpdesk** ġewwa pajjiżek jipprovdi konsulenza dwar ir-risponsabbiltajiet u r-rwol tiegħek ġewwa pajjiżek. Tista' tikkuntattjahom permezz tad-dettalji fuq il-portal ta' l-EHCA.



© CE

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2007
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Italy*
Stampat fuq karta riċiklata li ngħatat l-eco-tikketta ta' l-UE għall-karta grafika (http://ec.europa.eu/environment/ecolabel)

KH-77-07-234-MT-N

# REACH

## Leġiżlazzjoni ġdida ta' l-UE dwar sustanzi kimiċi

## Ir-REACH taffettwani lili?

Taf xi tfisser REACH għall-prodotti jew għall-kumpanija tiegħek? Int għandhek tara x'inhuma l-obbligi tiegħek skond ir-REACH jekk:

- Int **manifattur** jew **importatur ta' sustanzi kimiċi** jew ta' **preparati** ta' sustanzi kimiċi (taħlitiet).
- Int **produttur** jew **importatur** ta' oġġetti (per eżempju ta' materjal tal-kostruzzjoni, komponeneti elettroniċi, ġugarelli jew vetturi) li fihom sustanzi li huma inklużi fil-lista ta' 'sustanzi ta' tħassib serju ħafna' jew li jiġu rilaxxati waqt l-użu tagħhom.
- Int **tipproċessa s-sustanzi kimiċi** jew **tifformula** l-preparati għal użu aħħari (per eżempju prodotti għattindif, żebgħat jew żjut tal-magni) jew tuża dawn il-prodotti formulati fil-professjoni tiegħek. F'dan il-każ int tissejjaħ "utent downstream".

# REACH ME?

Il-Kummissjoni Ewropea

ECHA
European Chemicals Agency

## Xi jfisser REACH?

REACH hija liġi ġdida ta' l-UE dwar sustanzi kimiċi u l-użu tagħhom mingħajr periklu. Jittratta dwar ir-**R**eġistrazzjoni, il-**V**alutazzjoni, l-**A**wtorizzazzjoni u r-**Res**trizzjoni tas-**S**ustanzi Kimiċi.

REACH jieħu post liġijiet numerużi ta' l-UE fir-rigward tas-sustanzi kimiċi u jikkumplimenta l-leġiżlazzjoni l-oħra ambjentali u ta' sikurezza iżda ma jissostitwix il-leġiżlazzjoni li hija speċifika għal settur partikolari (per eżempju fil-kożmetiċi u d-deterġenti).

## Dan jikkonċerna s-sustanzi kimiċi jew prodotti kollha?

Iva, iżda hemm eżenzjonijiet estensivi minn ċertu partijiet tal-leġiżlazzjoni, per eżempju s-sustanzi kimiċi fl-ikel u l-mediċina huma koperti minn liġijiet oħra ta' l-UE. Sustanzi naturali huma eżentati wkoll mir-reġistrazzjoni skond ir-REACH, jekk dawn mhumiex ta' periklu u ma ġewx immodifikat kimikament



## X'għandi nagħmel?

Jekk int timmanifattura jew timporta tunnellata waħda jew iktar minn kull sustanza attiva fis-sena, int għandek **tipprereġistra** ma' l-Aġenzija Ewropea tas-sustanzi Kimiċi (ECHA) bejn l-**1 ta' Ġunju u l-1 ta' Diċembru 2008**. Jekk int ma tilħaqx dan it-termini perentorju dan ifisser li inti ma tkunx awtorizzat li tipproduċi jew li timporta s-sustanza sakemm tressaq dossier tar-reġistrazzjoni komplut. Madanakollu, jekk int tkun irreġistrajt minn qabel int tista' tibbenefika minn ter-mini perentorji imġeddin skond is-sustanza u t-tunnellaġġ (2010, 2013 jew 2018).

Jekk il-kumpanija tiegħek tagħmel użu minn sustanzi kimiċi, bħala **'utent downstream'**, għandek tapplika l-miżuri ta' sikurezza ikkomunikati lilek mill-fornitur tiegħek permezz ta' l-Iskeda ta' *Data* ta' Sigurtà jew li tagħmel valutazzjoni ta' sigurtà kimika inti stess. Aċċerta li l-fornitur tiegħek ikun jaf l-użi tiegħek!

Jekk int **timporta** prodotti iffurmulati jew oġġetti kun infurmat dwar l-obbligi potenzjali ta' reġistrazzjoni!

© Image Source; Shutterstock



## Ir-REACH ser tipprojbixxi xi sustanzi kimiċi?

**Restrizzjonijiet** dwar tqegħid fis-suq u l-użu tas-sustanzi kimiċi għandhom jibqgħu fis-seħħ u għandhom jiġu trasferiti lir-REACH.

REACH tintroduċi wkoll proċedura ġdida ta' **awtorizzazzjoni**. Madanakollu, dan japplika biss għas-sustanzi l-iktar perikolużi, li huma identifikati fi stadju iktar avvanzat.

L-ewwel is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fuq **lista bħala kandidati** ta' 'sustanzi ta' tħassib serju ħafna' mill-ħarifa ta' l-2008 u għandhom isiru disponibbli fuq il-portal ta' l-ECHA.

## X'inhu iż-żmien stipolat?

